**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 22 – 8 ta' Awwissu 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 22

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa attenda l-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsillier Duncan Bartolo talab li jkun skużat minħabba mpenji familjari.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 21 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsillier Philip Said ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa ta' Aġenda 21 huwa daħal tard u għalhekk talab li jitniżżel il-ħin x' ħin daħal fil-laqgħa u jitneħħa ismu mil-lista tal-Kunsilliera li ħadu vot fuq il-minuti.

1.3. Il-Kunsilliera Cain Grech ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 21 jiġu approvati hekk kif emendati. Hu ġie issekondata mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (99).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Robert Tabone għamel referenza għal punt 4.6 tal-minuti. Il-Kunsillier Tabone spjega li l-kumitat evalwa l-kwotazzjonijiet li nġabru mill-Kunsill dwar sistemi ta' sigurtà u kien hemm erbgħa offerti;

| | |
|---|---|
| Masco Security Services | €2,596.00 |
| Integrated Electronics Ltd | €2,454.40 |
| Alberta | €2,885.22 |
| Allsec | €2,342.54 |

2.1.2. Il-Kunsillier Cain Grech spjega d-dettalji tal-offerti. Il-Kunsillier Grech qal li fid-dawl tal-offerti, speċjalment fid-dawl tal-fatt li fl-offerta tal-Masco tinkludi garanzija ta' ħames snin, il-kumitat kien qiegħed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta tal-Masco.

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jixtieq li l-*payment terms* tas-sistema jkunu simili għal dawk ta' Vjal il-Ħelsien fejn il-pagament ikun maqsum fuq perijodu ta' sentejn. Is-Sindku talab ukoll li jiġi ppreżentat kopja tar-rapport tal-kumitat.

2.1.4. Il-Kunsillier Cain Grech ressaq mozzjoni sabiex skond ir-rapport maħruġ mill-kumitat imwaqqaf biex jevalwa l-kwotazzjonijiet fuq sistemi ta' sigurtà għall-*premises* tal-Kunsill, huwa kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jagħżel l-offerta ta' Masco Security Services. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina.

Il-mozzjoni ġiet approvata (100).

2.1.4. Il-Kunsillier Tabone wera x-xewqa li l-kumitat li ġie mwaqqaf dwar sigurtà jsir wieħed fuq bażi permanenti fuq is-sigurtà fil-lokalità, speċjalment fid-dawl tal-proġetti li l-Kunsill se jkun qiegħed jagħmel fis-snin li ġejjin. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li dan il-kumitat ikun magħmul mill-Viċi Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Cain Grech, George Cortis u Robert Tabone. Is-Sindku speċifika li Traffic Management mhux inkluż fit-*terms of reference* ta' dan il-kumitat u talab li dan il-kumitat sabiex jesplora l-possibiltà ta' fondi tal-EU f' dan il-qasam. Il-Kunsillier Tabone ressaq mozzjoni sabiex jiġi mwaqqaf dan il-kumitat. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata. (101)

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li kien se jikteb lill-Kummissarju sabiex Ħaż-Żebbuġ jerġa jkollu Spettur.

2.3. Il-Kunsillier Cain Grech informa lill-Kunsilliera li l-korsijiet tal-kompjuter bdew dik il-ġimgħa.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 2.4 tal-minuti dwar l-arbitraġġ ma' Bonnici Bros u jidher li ma kienx hemm żviluppi f' dan il-perijodu. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina nforma lill-Kunsill li waqt riċerka li kien qiegħed jagħmel, jeżisti preċedent fejn il-Kunsill Malti għall-Isport ma ħallasx kuntrattur għall-xogħol li sar ħażin u l-KMS ingħatat raġun mill-qorti.

2.5. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għat-toroq taż-żona tal-Grazzja u Ħal Muxi, u spjega li tkellem dwar dan is-suġġett fl-għola livelli. Is-Sindku qal li ntalab jispjega is-sitwazzjoni fuq dawn it-toroq u huwa ħataf l-opportunità li jispjega l-problema u jagħmel pressjoni għal għajnuna. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jistgħaġeb li min għamel dawn ir-rapporti u ipprova jugżah, jimpurtah biss mit-triq tiegħu u mhux miż-żona kollha.

2.6. Il-Kunsillier Philip Said talab kjarifika dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Mamo u Triq Mula li skond kif jiftakar hu, suppost kienu nklużi fil-proġett ta' Ħal Mula. Is-Sindku spjega li fit-talba tal-Kunsill fl-arbitraġġ, kien qiegħed jintalab li l-kuntrattur jillikwida fil-forma ta' danni l-valur ta' dawn iż-żewġ toroq.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sur Owen Borg li kien għamel l-appell dwar it-tender tat-tindif tat-toroq rurali, ressaq il-każ tiegħu quddiem il-bord tal-governanza li talab kopja tas-sentenza tad-dipartiment tal-kuntratti.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li ġie avviċinat minn xi residenti li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart qiegħed iħallat il-boroż tal-iskart mal-boroż tal-skart riċiklabli, kif ukoll il-fatt li ma jidħolx jiġbor l-iskart minn ġol-isqaqien.

4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill naqqas 5% mill-pagament ta' Bryden Azzopardi minħabba default notices li nħarġulu. Is-Segretarju spjega.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-public convenience qiegħed iħalli l-latrina miftuħa erbgħa u għoxrin siegħa u l-kuntrattur sab li l-vandaliżmu u l-ħmieġ naqas.

4.5. Il-Viċi Sindku qal li s-siġar ta' Triq Ġanni Bonnici li kien għamel rapport dwarhom fil-laqgħat preċedenti nżabru. Il-Viċi Sindku talab li jinżabru siġar fi ġnien l-infetti. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab aktar informazzjoni dwar il-pagament ta' Cyan Engineering.

4.6. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Hija ġiet sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ivvota favur ħlief fuq punt 6.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Robert Tabone ivvota favur iżda astejna fuq punt 4.

Il-pagamenti ġew approvati (102)

## 5. MOZZJONI KUNSILLIER PHILIP SAID

5.1. Il-Kunsillier Philip Said qal li l-mozzjoni mressqa titlob tlett affarijiet partikolari; (i) li l-Kunsill jirrikunsidra l-proposta mressqa li Triq l-Isqof Caruana tinbidel u tissemma Triq Frans Sammut, (ii) biex din il-proposta tiġi rtirata, (iii) biex il-ġieħ li jistħoqlu l-kittieb u l-awtur Frans Sammut, dan il-Kunsill jurieh billi jagħti ismu lill-waħda mit-toroq bla isem diġa eżistenti ġewwa Ħaż-Żebbuġ, possibilment dik it-triq l-aktar qrib ta' Triq l-Isqof Caruana. Il-Kunsillier Philip Said qara l-mozzjoni tiegħu.

5.2. Il-Kunsillier George Cortis ippreżenta fuq il-mejda petizzjoni miġbura minn parti tar-residenti ta' Triq l-Isqof Caruana li ġiet imressqa lilu mingħand oħt it-tabib Farrugia. Il-Kunsillier George Cortis iddeskriva din is-sitwazzjoni bħala sikkina taqta' miż-żewġ naħat u tittieħed liema deċiżjoni tittieħed xi ħadd kien se jweġġa. Il-Kunsillier Cortis qal li filwaqt li kien importanti li jingħata l-ġieħ mistħoqq lil Frans Sammut, kien importanti li l-Kunsill jisma' l-vuċi tal-poplu. Il-petizzjoni nqrat mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti beda l-intervent tiegħu dwar din il-mozzjoni billi għamel referenza għall-parti tal-mozzjoni fejn hemm referenza għall-mozzjoni tal-Viċi Sindku li ġiet diskussa f' Aġenda 5. Is-Sindku qal li r-referenza għall-fatt li din il-mozzjoni ma sabitx l-appoġġ tal-Kunsilliera kollha kienet skorretta. Is-Sindku spjega li l-Kunsill beda jiddiskusti din il-mozzjoni u kien hemm qbil in prinċipju, u meta ġie diskuss liema triq tissemma għal Frans Sammut, il-Kunsilliera Catherine Sammut, f'isem il-familja kienet uriet ix-xewqa li l-familja tiġi kkonsultata wara li ngħatat permess titkellem mill-Kunsill.

5.4. Is-Sindku spjega li f' dak il-punt kien hu li ressaq il-proposta lill-Kunsill li Triq l-Isqof Caruana tissemma għal Frans Sammut wara li kienet inġibditlu l-attenzjoni minn resident ta' din l-istess triq li l-Isqof Caruana kellu triq oħra msemmija għalih, u f' dak l-istadju ġie diskuss li jekk għandu jinbidel l-isem jinbidel l-isem tat-triq kollha u ħadd mill-Kunsilliera preżenti ma esprima ruħu kontra dan.

5.5. Is-Sindku qal li f'dik il-laqgħa il-Kunsill ma kienx ħa vot għax il-Kunsillier George Cortis ġibed l-attenzjoni li minn informazzjoni li kellu f' dawn iċ-ċirkostanzi jridu l-ewwel jgħaddu ħames snin. Is-Sindku kompla jgħid li minn dak iż-żmien 'l hawn huwa rċieva nformazzjoni li dan ma kienx minnu u għamel referenza għal Leġislazzjoni Sussidjarja numru 336.10 fejn

hemm indikat li dan jista' jsir wara talba lill-Ministru. Is-Sindku kompla jgħid li żewġ laqgħat ilu huwa kien informa lill-Kunsilliera b' dan u li kien se jikteb lill-Ministru u anke f' dik l-okkażżjoni hadd mill-Kunsilliera ma oġġezzjona, u ħadd ma semma xejn dwar inkonvenjenti għar-residenti jew dwar il-memorja storika ta' Ħaż-Żebbuġ.

5.6. Is-Sindku qal li xi ħadd, x' imkien ħass li din it-tema kellha ssir ballun politiku u dan kien qed jgħidu b' dispjaċir. Huwa qal li din il-persuna ma kienitx membru tal-Kunsill iżda jidhrila li hija 'l fuq mill-Kunsill. Is-Sindku qal li din l-issue tant spiċċat ballun li anke l-Fondazzjoni Wirt Artna żammet lura milli tidħol fiha, propju għax indunaw b' dan. Is-Sindku qal li hija sfortuna li hemm min qiegħed jaqa' f' dawn il-bassezzi. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal ktieb tal-Imħallef Giovanni Bonnello u qal li l-istorja turi li Frangisku Saverio Caruana ma kienx bniedem li jagħmel ġieħ għal Ħaż-Żebbuġ u kien bniedem li dejjem ħaseb għal butu u dar kontra l-Franċiżi skond kif kien jaqbel lilu. Is-Sindku qal li kien qed jgħid dan għax kien importanti li r-residenti jkunu jafu għal min hija msemmija t-triq.

5.7. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bħalma l-pajjiż għandu gvern nazzjonali li jisma', anke Kunsill immexxi minnu jisma u l-maġġoranza mmexxija minnu qatt ma tkesħet u għalkemm fil-passat forsi kien hemm Sindki li kienu jimxu b' mod diviżorju, hu qatt ma mexa hekk u dan jistgħu jikkonfermawh il-kunsilliera kollha li ħadmu miegħu. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bħala Kunsill b' maġġoranza Laburista qatt ma pprova jimponi l-ismijiet tat-toroq u jsemmi toroq għal esponenti tal-Partit Laburista, anzi iddelega lill-Kunsillier Philip Said sabiex isib ismijiet adattati għal dawn it-toroq. Is-Sindku fakkar ukoll li kien tort tal-burokrazija asfisjanti li dawn it-toroq kien għadhom bla isem u poġġa fuq il-mejda kopja tal-ittri li intbagħtu lill-Street Naming Committee.

5.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien qiegħed jagħti parir lil sħabu sabiex jivvutaw kontra din il-mozzjoni għal numru ta' raġunijiet fosthom li l-mozzjoni hija żbaljata fil-fatti, li Franġisku Saverio Caruana ma kienx bniedem li jixraqlu li jkollu triq imsemmija għalih, li diġa teżisti triq li hija msemmija għalih li hija Triq l-Isqof u anke għal fatt li jemmen li huwa dmir tal-Kunsill li jeduka l-poplu fuq min kien l-Isqof Caruana. Is-Sindku qal li jaqbel ma' konsultazzjoni pubblika mar-residenti imma jekk din issir mar-residenti tat-toroq kollha li huma bla isem u jekk ir-residenti ta' dawn it-toroq jingħataw l-informazzjoni kollha.

5.9. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li meta ħa l-vot fuq din l-issue ma kienx jaf li l-Isqof Caruana kien Żebbuġi u għalhekk ma deherlu xejn ħażin li triq tissemma għal Frans Sammut. Il-Kunsillier Aquilina fakkar li kien huwa li propona li fil-librerija jkun hemm ġabra tal-kotba ta' awturi Żebbuġi fosthom Frans Sammut. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li wara li ttieħed il-vot ġie avviċinat minn resident tat-triq l-Isqof Caruana li kien urtat

bid-deċiżjoni tal-Kunsill u jħoss li huwa fid-dmir tiegħu li jressaq ix-xewqa tar-residenti u jkun qed jiżbalja jekk ma jagħmilx dan. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li s-Sindku għamel biċċa xogħol tajba li jqabbel iż-żewġ personaġġi imma fl-aħħar mill-aħħar trid tara r-residenti hux kuntenti bl-isem tat-triq u l-petizzjoni turi li 118 il-ruħ iriduha tibqa' kif inhi. Il-Kunsillier Aquilina kompla jgħid li huwa ma jaqbilx ma petizzjonijiet iżda fil-mument li tressqet din il-petizzjoni kienu fid-dmir li jressquha fuq il-mejda tal-Kunsill. Huwa qal li d-diskussjoni m' għandiex tkun fuq il-karattri ta' dawn iż-żewġ persunaġġi iżda fuq ir-rieda tar-residenti. Fl-istess ħin huwa qal li jekk jibdew jiġu konsultati residenti dwar l-isem tat-triq tagħhhom dan jista' jwassal biex ikun hemm talbiet min-nies biex jinbidel l-isem tat-triq taghhom. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li fl-ebda mument ma kien hemm l-intenzjoni li din il-kwistjoni ssir ballun politiku. Dan ikkonfermah il-Kunsillier Philip Said li qal li hu nsista ħafna li din id-diskussjoni tibqa fil-konfini tal-Kunsill.

5.10. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-opinjoni tiegħu l-ewwel għandu jittieħed vot fuq il-mozzjoni ppreżentata u wara se jressaq proposta biex juri li minkejja kif se jivvutaw fuq din il-mozzjoni, xorta l-Kunsilliera Laburisti ħa jagħtu leħen lir-residenti mhux ta' din it-triq biss imma tat-toroq kollha li huma bla isem imma meta jkollhom l-informazzjoni sħiħa. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill diġa awtorizzah li jikteb lill-Ministru sabiex jiġi propost il-bdil fl-isem tat-triq u l-Ministru għadu ma weġbix fuq din it-talba. Is-Sindku qal ukoll li l-Street Naming Committee il-ġdid għadu kif ġie appuntat f' dik il-ġimgħa. Il-Kunsillier Philip Said saqsa kienx jagħmel sens li l-Ministru jkun infurmat b' din il-petizzjoni. Is-Sindku wieġeb li kien se jinfurmah b' dan.

5.11. Il-mozzjoni tal-Kunsillier Philip Said, issekondata mill-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina u George Cortis tressqet għall-vot.

**Dawk Favur;** Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Cain Grech u Robert Tabone.

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-Kunsilliera Catherine Sammut ma pparteċipatx minħabba kunflitt ta' interess.

Il-mozzjoni m' għaddietx (103).

5.12. Il-Kunsillier Cain Grech qal li filwaqt li jaqbel li l-Kunsill dejjem għandu jisma lir-residenti, f'dan il-każ jemmen li għandu jkun l-Street Naming

Committee li jiddeċiedi. Il-Kunsillier Grech kompla jgħid li vvota kontra l-mozzjoni wkoll minħabba li kien fiha ħafna ineżattezzi.

5.13. Is-Sindku Alfred Grixti qal li filwaqt li jirrispetta din il-mozzjoni huwa jħossu fid-dover li lin-nies ta' din it-triq jgħidilhom il-verità dwar il-personaġġ ta' Franġisku Saverio Caruana.

5.14 Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li fl-opinjoni tagħha huwa xogħol il-Kunsill li jsemmi dawn it-toroq u mbagħad iressaq il-proposti tiegħu lill-Street Naming Committee. Il-Kunsilliera Sammut qalet li jekk se jiddaħlu r-residenti l-Kunsill mhux se jasal għal konklużjoni għax fl-opinjoni tagħha mhux ir-residenti kollha huma nfurmati biżżejjed dwar il-fatti storiċi. Il-Kunsilliera Sammut fakkret meta Triq De Rohan li kienet twassal sa' Santa Marija inqassmet f' biċċiet differenti u ngħataw ismijiet differenti.

5.15 Il-Kunsillier Cain Grech qal li huwa jaqbel li d-deċiżjoni għandha titħalla f'idejn l-Street Naming Committee għar-raġuni li ċerti residenti jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-konvenjenza tagħhom. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill ma ħa l-ebda deċiżjoni u għandu jafda fl-entità responsabli li tieħu deċiżjonijiet dwar l-ismijiet tat-toroq u jekk dawn imbagħad iħossu l-bżonn li jikkonsultaw lir-residenti din tkun prerogattiva tagħhom. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li jaqbel mal-Kunsillier Cain Grech, u d-deċżjoni titħalla f' idejn persuni kompetenti għax inkella l-Kunsill se jispiċċa qisu ballun, u xogħol il-Kunsill ikun li jipproponi biss. Il-proposta tal-Kunsillier Cain Grech tresqet għall-vot wara li ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius.

5.16. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalist jkunu jistgħu jiddiskutu bejniethom. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.30pm.

5.17. Il-laqgħa tkompliet fit-8.35pm.

5.18. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa jipproponi li hekk kif issemma qabel ir-residenti jiġu kkonsultati qabel mal-proposti jitressqu quddiem l-Street Naming Committee. Il-Kunsillier Catherine Sammut qalet li tħoss li b' dan il-mod il-Kunsill qiegħed jitteħiedlu l-poter deċiżjonali kollu.

5.19. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Cain Grech, Catherine Sammut u Robert Tabone.

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni m' għaddietx. (104)

5.20. Ittieħed vot dwar il-proposta tal-Kunsillier Cain Grech. Din ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Cain Grech, Catherine Sammut u Robert Tabone

**Dawk Kontra;** il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis u Philip Said.

**Astenjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (105).

## 6. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1. Il-Kunsillier Philip Said qal li l-librara wriet ix-xewqa li l-Kunsill jipprovdi l-pubblikazzjonijiet li ħarġu dwar l-anniversarju tal-150 sena tal-istatwa.

6.2. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill bl-attivita tat-tberik tal-annimali li se ssir fl-1 ta' Settembru.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-18 ta' Settembru fis-6.00pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv